

# L-Ewwel Karmelitani fl-Imdina.
## (It-tieni parti)



Mario Fenech

Biex inkompli fejn ħallejt bl-artiklu tiegħi tas-sena li għaddiet ser nagħti aktar tagħrif dwar l-ewwel snin tal-Patrijiet Karmelitani fl-Imdina.

Wara li kienu ħadu f'idejhom il-pussess tal-Knisja magħrufa bħala "Ta' Lucca" ġie mibdi x-xogħol biex jiġu akkwistati xi propjetajiet li kienu jmissu magħha biex tkun tista tiġi mibnija Knisja ġdida flimkien ma Kunvent xieraq għal Patrijiet Karmelitani.

Lejn l-aħħar tax-Xahar t'Awissu tas-sena 1659 kien żar lil Patrijiet il-Provinċjal tal-Karmelitani P.Antonio Agius. Il-Patrijiet talbuh il-kunsens tiegħu biex jibdew ix-xogħol tal-bini tal-Knisja. Wara li fela bir-reqqa t-talba tagħhom huwa kkonkluda li kien hemm tassew il-ħtieġa li jibda dan ix-xogħol, għal daqstant huwa għadda xi qbiela li kien kellha l-Provinċja lil Patrijiet biex dawn ikollhom dħul finanzjarju għal proġett li kienu ser jidħlu għaliħ. Din id-deċiżjoni tal-Provinċjal hija dokumentata permezz t' Att Notarili datat l-1 ta' Settembru 1659.

Wara laqgħa Kapitulari li saret nhar is-6 ta'Jannar 1660 is-Sur Indri Castelletti li kien jgħix fl-Imdina ġie maħtur Prokuratur tal-bini tal-Knisja l-ġdida u l-Kunvent. Dan l-istess Indri Castelletti kellu xi propjeta fl-Imdina viċin fejn kellha tiġi mibnija l-Knisja. Kien hemm ukoll propjeta oħra li kienet ġiet imħollija lil Isptar Santo Spirito mis-Sur Pietru Psaila. Bil-ħidma tas-Sur Castelletti din il-propjeta ġiet mibdula ma dik li kellu hu, b'hekk kien hemm art biżżejjed biex fuqha jkun jista jibda l-bini tal-knisja l-ġdida. Dan huwa dokumentat fil-kitba tal-Kuntratt li sar għand in-Nutar Nikola Allegrito nhar it-8 ta' Diċembru 1661. Id-data hija waħda mportanti mhux biss għaliex il-Patrijiet issa kellhom l-art biex fuqha jibnu l-knisja, iżda wkoll għax din id-data hija l-jum tal-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, jum ta' Festa Kmandata.

Għand in-Nutar Mikiel Attard datat il-25 ta' Marzu 1660 il-Patrijiet Karmelitani għamlu kuntratt ieħor li permezz tiegħu xtraw dar li kienet tmiss mal-Kunvent. Għamlu wkoll kuntratt li sar quddiem in-Nutar Indri Vella meta nhar it-28 ta' Frar 1660 inxtrat propjeta oħra mingħand Mark Anglu Hellul (il-kunjom hekk jidher miktub fil-kuntratt).

Wara din il-ħidma kollha biex ġiet akkwistata l-art bżonnjuża għal bini ġie mibdi x-xogħol taħt is-superviżżjoni ta' Maestro Franċesco Sammut. Dan nafuħ mil-kitba li hemm fir-reġistru tal-ħlas li dan kien irċieva matul il-perjodu 1660 u 1666. Ġie mwaqqa l-bini kollu li kien hemm qabel sar ix-xogħol tal-pedamenti fejn ġie deċiż li d-dislivell li kien hemm f'art li fuqha kellha tinbena l-Knisja tiġi wżata bħala l-Kannierja tal-Knisja. Din il-Kannierja kienet lesta fit-13 ta' Awissu 1667.

Fost l-ewwel benefatturi li ħarġu somom ta' flus għal bini tal-Knisja kien hemm is-Sinjura Guzmana Cassar, Lorenzo Cassar u l-Baruni Andrea Castelletti. Ma hemm l-ebda kitba dokumentata li tgħid min kien l-Arkitett li ħażeżż il-pjanta tal-Knisja. Studju li għamel bir-reqqa il-Perit Leonard Mahony riċentament huwa jikkonkludi li din inbniet fuq pjanta tal-Perit Franciz Blondell.



Wara l-mewt ta' Mastru Francesco Sammut beda jmexxi x-xogħol ċertu Lorenzo Gafà. Dan wassal fi tmiemu x-xogħol tal-bini tal-Knisja li kien lest fis-sena 1674 wara li x-xogħol kellu jieqaf darbtejn minħabba xi ntoppi li kienu jinqalaw kif ukoll minħabba nuqqas ta' flus.

Matul ix-xahar ta' Gunju 1668 sar ix-xogħol tal-bini tal-faċċata tal-Knisja flimkien mal-gallarija tal-orgni, filwaqt li lejn l-aħħar ta' l-istess sena ġew imsaqqfa erbgħa Kappelli tal-Altari. Matul is-sena ta' wara sar xogħol ieħor ta' twaqqigh din id-darba ta' parti mil-Kunvent il-qadim u xi bini ieħor li kien hemm imiss miegħu. Ġie mibni l-Kampnar u nġieb aktar ġebel minn Ħaż-Żebbuġ biex il-Knisja tingħalaq bil-bini tal-Kor u l-Koppla.

Matul dan il-perjodu tal-bini tal-knisja l-ġdida, il-Patrijiet għamlu minn kollox biex ikomplu bil-ħidma Pastorali tagħhom kif ukoll biex issir il-Festa f'ġieħ il- Madonna tal-Karmnu.

Dwar dan inkompli fil-ħarġa tas-sena d-dieħla.

IL-FESTA T-TAJBA LILL KULĦADD

